# Il-Ħadd 26.06.2022

1. Il-Ħadd 26/06, **Festa tal-Qalb ta' Ġesù**:
   - Mill-9:45am sal-10:30am - Adorazzjoni personali;
   - Fil-5:15pm - Adorazzjoni fis-skiet;
   - Fis-6:00pm - *Quddiesa tal-Qalb ta' Ġesù*;
   - Mis-7:00pm - Purċissjoni bis-sagrament li tgħaddi Misraħ il-Knisja, Triq San Pawl, Triq San Ġużepp, Misraħ San Ġużepp, Triq Santa Marija, Triq il-Kenn, Triq ta' Ġawhar, Triq l-Iskola, Triq iż-Żurrieq, Misraħ il-Knisja għall-Knisja Parrokkjali. Wara jkun hemm l-att ta' konsagrazzji lill-Qalb ta' Ġesu u tingħata barka sagramentali.

2. L-Erbgħa 29/06, **Solennità ta' San Pietru u San Pawl - L-Imnarja**:
   - Tajjeb li nqaddsu dal-jum bis-sehem tagħna fil-quddies li jkun fil-ħinijiet ta' matul il-ġimgħa.
   - L-Ex Kappillan Il-Kan. David Farrugia jiċċelebra t-18-il sena minn mindu sar saċerdot (29/06/2004), filwaqt li Dun Tony Pace jiċċelebra it-tieni anniversarju (29/06/2020). Nifirħulhom u nawgurawlhom, u nkomplu nwiegħduhom it-talb u l-koperazzjoni.

3. Il-Ġimgħa 1/07, **L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar**:
   - Filgħodu jsir it-Tqarbin tal-Morda fi djarhom.
   - Fis-5:45pm - Qrar.
   - Fis-6:30pm - Quddiesa.
   - Fis-7:00pm - Adorazzjoni u l-Barka Sagramentali.

4. Avviżi oħra:
   - B'rabta mal-Festa ta' San Pawl li ser niċċelebraw nhar il-Ħadd 28 ta' Awwissu bi ħsiebna noħorġu publikazzjoni tal-ktieb tal-fetsa. Dawk li jixtiequ jirreklamaw fih mitluba javviċinaw lil Dorian Baldacchino jew lil Tarcisio Barbara.
   - Matul din il-ġimgħa ser jitqassmu l-envelops għad-donazzjonijiet tagħkom b'risq il-Festa. Waqt li nafda f'idejn il-ġenerożit¿ tagħkom, infakkarkom li dawn tistgħu tgħadduhom lura billi tħalluhom fil-qfief tal-offerti fil-knisja jew timpustawhom fil-*letterbox* tal-uffiċċju parrokkjali.

5. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 190 bħala ġabra tal-Quddies tal-Ħadd li għadda;
   - € 40 bħala donazzjoni għall-manutenzjoni tal-knisja;
   - € 350 mil-lotterija b'risq l-istess għan. Grazzi.
   - Infakkar biex qabel toħorġu tħallu d-donazzjoni tagħkom ġol-qfief fejn is-**Sanitizing Points, llum jgħoddu bħala "l-Offerta ta' San Pietru", jiġifieri Offerta b'risq l-għotjiet ta' karità li jagħmel il-Papa.** Nitlobkom tkunu ġenerużi u grazzi bil-quddiem.

6. Matul din il-Ġimgħa ghaddiet għall-ħajja ta' dejjem Miriam Chetcuti..Aghtiha O Mulej.